MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

25 ta' Jannar 2023

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha ittra t'apoloġija tal-Perit Giorgio Schembri. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

56.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 55 ġew approvati.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 *Uffiċċini*

Is-Sur Cordina qal li għat-tielet darba ingħata l-membrane wara li l-Perit ma ċċertifikax ix-xogħol u issa jidher li hu tajjeb. F'din il-ġimgħa wkoll, kompla jgħid li se jitwaħħal il-ħadid wara l jintrama *scaffolding* għall-aċċess aħjar. Se jitkompla l-madum u s-suffett. Saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet biex jgħaddi għall-*item* ieħor imma s-Sur Bonnici qal li ra b'għajnejh ix-xogħol.

56.3.2 *Attard Subbuteo Club*

Is-Sur Cordina nfurma l-Kunsill li rċieva imejl mingħand is-Subbuteo Club rigward il-kera tal-post fejn jiltaqgħu. Huma talbu li bħas-sena ta' qabel tingħata għajnuna biex titħallas il-kera. Is-Sur Cordina qal li għalkemm talbu €600 tista' tingħata somma bħas-sena l-oħra li kienet xi €500. Is-Sur Cordina qal li jekk iridu jtuhom €400 imma sa fejn jiftakar kienu tawhom €500 biex ma jderrux l-għaqdiet li kull ma jitolbu jridu jieħdu. Is-Sur Bartolo qal li la s-sena l-oħra ingħataw €500 ma jnaqqsulhomx imma jimxu fuq is-sena ta' qabel. Kulħadd qabel bil-patt li jrid jinġab il-logo fuq kull reklam t'attività li ssir minnhom.

Is-Sur Victor Galea daħal f'dan il-mument 05.36pm.

Is-Sur Brincat qal ukoll li jekk ikollhom xi attività mportanti li l-Kunsill ikun mistieden.

56.3.3 *Ittra ta' ringrazzjament minn Dr. Lydia Abela*

Is-Sur Cordina qal li Dr. Lydia Abela bgħatet ittra ta'ringrazzjament lill-Kunsilli Lokali li ħadu sehem bil-parteċipazzjoni tagħhom f'rigal ta' Mħabba fejn inġabru rigali għat-tfal inqas ixxurtjati.

56.3.4 Korsijiet Lifelong Learning

Is-Sur Cordina qal li xi xahrejn ilu kienu ddiskutew il-korsijiet Lifelong Learning u kellu jingħata feedback mill-Kunsill dwar dawk is-suġġetti li jixtiequ li jsiru fil-lokalità. Peress li ħadd ma rrisponda u d-*deadline* hi l-31 ta' Jannar propona li jiddeċiedu liema suġġetti se jsiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *digital skills* għalissa ma jistgħux isiru sakemm isir ix-xogħol bl-iskema fuq l-Uffiċċini l-qodma u jkollhom kompjuters tagħhom stress. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ħa l-flus biex ikompli jirranġa wara li l-Pulizija għamlu xi xogħolijiet fl-għassa permezz ta' travi pastażi. L-Avukat Brincat saqsa jekk tistax tintuża kamra mill-iskola imma peress li l-iskola għandha nuqqas ta' spazju ma jistgħux jintużaw klassijiet. Saħansitra anke l-Librerija Pubblika jahseb li l-iskola għandha vera bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kieku hi tissuġġerixxi li jkomplu bil-ganutell għax kien hemm interess partikulari u forsi jistgħu jesploraw korsijiet oħrajn bħal Learning Through Clay u l-Malti (Level 2). Kulħadd qabel li jsiru t-tnejn kemm il-Malti (Level 2) u anka Maltese for Foreigers.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.4.1 Is-Sur Remigio Bartolo

- Qal li kif jaf kulħadd Jum Ħ'Attard se jiġi ċċelebrat fis-26 ta' Marzu u li hu, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdmu fuq il-programm u sal-laqgħa li jmiss dan se jkun f'idejhom. Imbagħad qal li jittieħed *feedback* min-naħa tal-Kunsill.

56.4.2 L-Avukat Brincat

- Saqsa fuq l-iskart tal-ġonna. Is-Sur Cordina qal li dan is-servizz xorta ħa jibqa' jingħata imma mal-ġbir ta' skart sa massimu ta' tliet kaxxi, irqaq u marbutin permezz ta' telefonata l-Uffiċċju bħas-servizz ta' skart goff. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm Avviż fuq il-Kalendarju u li dan se jibda jitqassam fl-aħħar ta' Jannar.
- Saqsa wkoll fuq Ġnien Misraħkola meta ħa jitlesta. Is-Sur Cordina qal li kemm jista' jkun malajr imma mhux possibli li jagħti data definittiva.
- Saqsa fuq l-iSports Complex jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sur Cordina qal li le imma s-Sur Bonnici qal li sema' li miet kollox.

56.4.3 Is-Sur Victor Galea

- Saqsa fuq in-nominazzjonijiet. Is-Sur Bartolo qal li kien hemm żewġ nominazzjonijiet minn ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huma kienu qalu li joħorġu xi nofs Frar sal-bidu ta' Marzu biex imbagħad ikollhom ċans jiddiskutu mal-Bord u jinħadmu t-*trophies.* Is-Sur Cordina qal li l-formoli jinġabru mill-Kunsill u jiġu sottomessi l-Kunsill f'envelopp issiġillat.
- Saqsa jekk hemmx xi *target date* meta se jmorru fil-post il-ġdid? Is-Sur Cordina qal li għalissa le.

56.4.4 Is-Sinjura Connie Scerri

- Saqsiet f'hiex wasal il-proġett tal-istazzjon? Is-Sur Cordina qal li sal-aħħar ta' Marzu suppost għandu jkun lest imma wieħed jittama li ma jkunx hemm iktar intoppi.

56.4.5 L-Avukat Caruana

- Talbet biex tiżdied magna oħra tal-BCRS. Qalet li waħda hi ftit wisq meta Ħal Lija u Ħal Balzan m'għandhomx. Is-Sur Cordina qal li jistgħu jiżdiedu imma jsiru ġo Ta' Qali. Qal li qed jittama li l-magna li hemm fi Triq l-Għenba tiġi *relocated* minħabba li hemm *health and safety issues* apparti li saret *dumping site.* Hu qal li qed jaraw mal-Perit li forsi ssir fi Ġnien il-Palma minħabba li għad hemm ir-*reserved parking* mbagħad ħa ssir oħra Ta' Qali. Is-Sur Victor Galea issuġġerixxa li ssir oħra fl-Industrial Estate ta' Ħ'Attard. Is-Sur Cordina saqsa jekk hux lest li joffri l-post u d-dawl. Is-Sur Victor qal li iva.
- Ġibdet l-attenzjoni fuq dik is-*centre strip* li hemm fi Triq Santa Katerina, Pantar, Gradilja u Durumblat. Is-Sur Cordina qal li vera u hemm bżonn li ssir kemm jista' jkun malajr u jekk hemm xi ħadd mill-Kunsilliera li jista' jagħti palata japprezza. Hu ssuġġerixxa li jkellmu lis-Sur Michael Cohen.

56.4.6 Is-Sur John Bonnici

- Talab biex titkompla s-sinjaletika mill-isptar ta' Monte Carmeli sa Triq iż-Żagħfran. Se tintbgħat imejl lill-IM. Is-Sur Victor Galea qal li waqt li kienu attività tal-anzjani fil-Milied kellhom ilment minn anzjana li qalet li ma hemmx minn fejn taqsam biex tmur il-baħar. Is-Sur Cordina qal li hemm żewġ żebra crossings u li jammira lil dawn l-anzjani li għadhom attivi imma t-talba tagħha hi eżegwita u ilha hemm.

Is-Sur Cordina skuza ruħu imma waqt li kienu qed jistaqsu u jiddiskutu l-Kunsilliera ftakar fi problema li sorġiet mal-ġbir ta' skart goff. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fid-dokument tat-tender dan kellu medja ta' 10 ġabriet kuljum u minħabba li żdiedu konsiderevolment għal 28 ġabra bl-introduzzjoni tal-ġbir ta' ħaxix mill-1 ta' Jannar, dan talab ħlas pro rata. Is-Sur Cordina qal li jekk qed jifhem sew li kieku ma' kellux 260 ġabra u kellu inqas xorta kien ħa jitħallas l-istess. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk qegħda imma hemm diskrepanza kbira. L-Avukat Caruana qalet li hekk tefgħu it-tender u la kien konxju li hemm il-ħaxix mal-ġbir ta' skart goff allura missu ħaseb għalih fil-prezz. Is-Sur Bartolo qal li jekk dan hu t-tender li ġgudika hu u l-Avukat Caruana kien ċar kristall li jiġbor inqas jew iżjed la medja xorta ħa jitħallas. Qal li biex isir dan l-aġġustament irid jinħareġ tender ieħor għax jekk isir hekk jaf ikun diskriminatorju fil-konfront ta' min tefa' offerti oħrajn. Kulħadd qabel li t-tender ħadu fit-tajjeb u l-ħazin. Is-Sur Victor Galea qal li fix-xitwa normalment bħal daż-żmien issir ħafna żabra imma fis-Sajf le. Allura, kompla jgħid li mhux fair li tiżdiedlu r-rata imbagħad fis-Sajf jibqa' jitħallas l-istess. Il-Kunsill qal li hemm l-obbligi tat-tender u jimxi magħhom u joqgħod attent meta jitfa' prezzijiet. Is-Sur Cordina qal li s-servizz li kien jingħata qabel baqa' jingħata s'issa.

## 56.5 Rapporti

56.5.1 Ma kienx hemm.

## 56.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

56.6.1 <u>Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* 2022</u>

Il-Kunsill intalab japprova il-persentaġġ tal-*Performance Bonus* tal-istaff tal-Kunsill. Is-Sur

Cordina qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv iddiskutew ir-rapporti inkluż tagħha u hu għalhekk hu qed jipproponi li bejn 3 u 6 fil-mija dawn jingħataw il-massimu. Is-Sur Cordina spjega wkoll li din is-sena is-sistema hi differenti minħabba li l-persentaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv se jkun bejn 0 u 10 fil-mija li jiġi approvat mill-Kunsill filwaqt li l-kumplament tal-5 fil-mija li b'kollox jiġu total ta' 15 fil-mija, jiġu approvati mif-Direttur Ġenerali. Hu propona li tingħata l-massimu jiġifieri 10%. Kulħadd qabel. Is-Sur Remigio Bartolo qal li filwaqt li japprezza li huma jiddeċiedu biss il-10% u d-DG il-5% l-oħra għalihom is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu il-massimu avolja mbagħad jagħmlu huma. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat pubblikament lill-kulħadd għax qalet li din hija turija ta'apprezzament u turi kemm il-Kunsill għandu fiduċja fl-istaff tiegħu w'għaldaqstant meta jkun hemm fiduċja sħiħa l-istaff jaħdem iktar għal qalbu.

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

56.7.1 L-Avukat Caruana saqsiet min kienet Gabby Mallia. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din kienet ġiet appuntata b'sejħa qabel ma' ħarġu l-fondi tal-Ewropa xi 5 snin ilu u li l-fee tagħha tkun ta' sitt xhur f'daqqa normalment. Saqsiet fuq l-extra works ta' Charles Gauci u Andre Agius. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan hu kollu xogħol tal-Embankment u Culverts li kien kuntrattat separament meta tlesta l-embankment. Qalet li hemm inkluż il-ħasil ta' Triq il-Mitħna u San Duminku, Sant'Anna kif ukoll Triq Sant'Anton mill-ħmieġ tal-ħamiem. Collection ta' skart mitfugħ bl-addoċċ. Saqsiet ukoll fuq il-pagamenti ta' Architecture XV. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn l-ammonti għandhom kollha x'jaqsmu max-xogħolijiet ta' Ġnien l-Istazzjon. Qalet li l-ammont kien magħmul minn persentaggi kif maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill ta' *architectural fee* u ammont ieħor ta' xogħol li sar fuq il-preparazzjoni tad-dokumenti tat-tender għall-għamara tal-Info Centre.
L-iskedi ġew approvati kollha.

## 56.8 Mozzjonijiet; u

56.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 56.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.14 u ġiet aġġornata għat-22 ta' Frar 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 22 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |